

Suġġett: Governanza Artika f'Dinja Globali

Issa għaddew aktar minn 20 sena mid-diskors ta' Gorbachev li sar f'Murmansk meta sfida lill-Istati Artiċi biex jiffurmaw "żona ġenwina ta' paċi u koperazzjoni li tagħti riżultati tajbin" fit-Tramuntana mbiegħda. Matul dan il-perjodu diversi kwistjonijiet ewlenin u kruċjali - it-tniġġis, il-bidla fil-klima li twassal għall-ftuħ ta' toroq navali għall-bastimenti li sa issa kienu magħluqa, l-użu tar-riżorsi, is-sostenibilità, is-sikurezza tal-provvista tal-enerġija, l-istokk tal-ħut - ġew inkorporati bl-attenzjoni tiġi kkonċentrata fuq it-Tramuntana Estrema. Fl-aħħar ta' Mejju 2008 il-ħames pajjiżi mal-fruntieri tal-Artika, il-Kanada, id-Danimarka, in-Norveġja, ir-Russja u l-Istati Uniti tal-Amerika adottaw dikjarazzjoni (id-Dikjarazzjoni ta' Ilulissat) li tfittex l-applikazzjoni tal-liġi internazzjonali għall-Artiku iżda hija kontra l-konklużjoni ta' ftehma legali speċifika għall-Artiku. Din hija ta' importanza sinifikanti għall-komunità internazzjonali u l-atturi potenzjali kollha tal-Artiku. Huwa ta' interess partikulari għall-UE li tinkludi tliet nazzjonijiet Artiċi fost l-Istati Membri tagħha u żewġ stati ġirien addizzjonali konnessi mill-qrib permezz tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA), biż-żieda ta' kwistjonijiet ekonomiċi, ambjentali u ta' riċerka li jesigū li l-UE ma tistax tkun indifferenti lejn ir-reġjun Artiku.

1. Sabiex l-UE ikollha rwol aktar proattiv fir-rigward tar-reġjun Artiku u b'mod speċifiku fir-rigward tad-dimensjonijiet ekonomiċi u ambjentali u ta' sigurtà fit-Tramuntana Estrema, il-Kummissjoni tista' tidentifika l-elementi possibbli ta' strateġija sostenibbli u komprensiva tal-UE sabiex dawn l-isfidi jiġu ffaċċjati?
2. Minħabba li l-Artiku attwalment għadu mhuwiex irregolat minn xi normi u regolamenti multilaterali minħabba li qatt ma kien mistenni li dan isir triq navali jew żona ta' sfruttament kummerċjali, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li l-istrutturi ta' governanza attwali fit-Tramuntana Estrema huma biżżejjed biex jittrattaw il-kwistjonijiet potenzjali u eżistenti? Fir-rigward tal-aħħar Sena Internazzjonali Polari fis-snin ħamsin li wasslet għall-iffirmar tat-Trattat tal-Antartiku, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li, pereżempju, Karta tal-Artiku vinkolanti tista' tkun ta' soluzzjoni?
3. Minħabba li l-UE diġà għandha interess fl-Artiku permezz tat-Tieqa tal-Artiku tal-politika dwar id-Dimensjoni tat-Tramuntana u permezz ta' diversi oqsma ta' politika, per eżempju, is-sigurtà enerġetika, il-bidla fil-klima, il-kwistjonijiet marittimi jew tas-sajd, il-Kummissjoni kif qiegħda timmira lejn it-titjib tal-koordinazzjoni tal-politiki tagħha f'dawn l-oqsma u fil-każ ta' ppjanar ta' Politika "reali" olistika tat-Tramuntana Estrema?

Tressiq: 04.09.2008
Mibgħuta: 08.09.2008
Skadenza: 15.09.2008